VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

17 ta' Marzu 2026

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit- Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 26.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.0.1 Nil

## 26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 25 kienu ikkonfermati

## 26.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li kellu laqgħa ma' Mark Bonavia, rappreżentant ta' dgħajjes ta' Marsamxett. Għal laqgħa kienu preżenti l-avukat tal-Kunsill u Matthew Carbonaro. Sar qbil bejniethom li jerġa jibda l-proċess għal bye-law biex jiġi organizzat iż-żona peress li anke issa ittieħed xi ftit miż-żona minħabba l-lift.
Il-Viċi Sindku Alfred Zammit kkummenta li għandhom jippreżentaw *'artistic impressions'* issa li ż-żona hija limitata, jekk hemm xi laneċ li ma jintuzawx, dawn ghandhom jitneħħew, u mhux jitħallew abbandunati.

26.2.2 Is-sindku Olaf Mckay informa li għandu stedina biex jattendi għal laqgħa tas-Sindki dwar *sustainble tourism ġewwa* Brussel.

26.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-istedina ta' Bejing għal *World Tourism Federation* se jpoġġiha on hold minhabba il-Possibilta ta' elezzjoni ġenerali.

26.2.4 Is-sindku Olaf Mckay informa li rcieva stedina biex jattendi Azerbaijgan World Urban Forum f'Mejju, is-sindku nforma li din ser tkun on hold wkoll minħabba l-elezzjoni ġenerali.

## 26.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.3.1 Il-Kunsillier Daniel Diacono xtaq jgħaddi rimarka dwar l-attivita li saret f'Jum il-Mara. Huwa ċ-ċara li mhux kontra dawn l-attivitajiet imma l-kunsill għandu jiġi nfurmat. Speċjalment meta jkun hemm spiża anke minima. Il-Kunsilliera Roberta Bonello qablet mal-Kunsillier Daniel Diacono. Għalhekk sar qbil unanimu li kull attivita li jkun ser ikun hemm spiża anke minima mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Gabriella Agius għanda tinforma lil Kunsillera kollha.

26.3.2 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li xtaq li terġa ssir il-gita għal-Sqallija bħal ma saret is-sena preċedenti. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser tibda taħdem fuq din l-attivita'

## 26.4 Rapporti

NIL

## 26.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

26.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill għandu jikkonkludi fuq il-ġurnata biex isiru l-festeġġjamenti ta' Jum il-fondazzjoni. Il-Kunsill qabel li din għandha issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' April 2026. Sar qbil dwar dan u hija nfurmat li waqt l-avveniment ser ikun hemm tnedija wkoll tal-munita mill-Bank Centrali.

26.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bdiet titkellem mal-Heritage Malta fuq is-suġġeriment ta' Sindku għal post biex isir l-avveniment ta' Jum il-Fondazzjoni.

26.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġie approvat il-proġett *Radical Green*. Hija nfurmat li ser tkun qed tinforma bil-ġranet eżatt la darba jiġi kkonfermat mil-*Focus Europe*. Hija nfurmat ukoll li ser tkun qed tinforma lis-Sindku biex jagħmel diskors għal-ftuħ u anke lil Viċi Sindku peress li l-applikazzjoni saret fi żmien tiegħu bħala Sindku.

26.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li kellha laqgħa mad-direttur artistiku ta' Sena Kulturali Reġjun Port. Semmiet l-avvenimenti li ser isiru:
*Art in Common*: Hawn ser issir installazjoni ġewwa l-ġnien Hastings.
*Integra Arti:* Qed tintgħalab għajnuna biex jittella tnedija tal-Ktieb min Robert Mikac.

26.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Periti tal-Kunsill qegħdin jiffinalizzaw il-pjanta tal-proġett li ser isir taħt il-kunsill. Dan wara li saret laqgħa ma' l-SCH. Hija ser ikollha laqgħa fl-ewwel ġimgħa ta' April biex tingħata update.

26.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informat li l-kunsill tal-Belt ser jingħata *Android Tablets* biex jiffaċċilitaw il-pagamenti tal-Housing u Lands Authority. Hija informat li ser tkun qed tqassam l-impjegati f'żoni differenti fil-Belt biex ir-residenti jkunu jistgħu jħalsu l-kera mill-kumdita ta' darhom.

26.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiva nformat li rċeviet korrispondenza mill-Public Works biex jinbeda ix-xogħol mwiegħed tal-bankini.

26.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informat li fix-xhar ta' Mejju ser ikunu qed jiġġeddu l-karta tal-identita fil-kunsill Lokali, aktar dettalji ser jingħataw il-quddiem biex ir-residenti jkunu informati mill-midja Soċjali.

26.5.9 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret il-kunsill kollu dwar il-gita taċ-Ċina Chendgu biex ituwha risposta ghal min hu interessat li jmur.

## 26.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.8.1 Frar/Marzu 2026

Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 9 ta' April 2026 fil-17.00hrs

IFFIRMATA

Olaf McKay
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv